# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 389/2015**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Pisani**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 493073(M)

Illum, 4 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Pisani quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli mill-1 ta’ Frar sas-16 ta’ Frar, 2015 naqas li jaghti lil Claire Pisani s-somma ta’ €500 kull xahar, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta’ Lulju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u illiberatu li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’

Malta. Ordnat il-hlas ta’ tmenin ewro (€80) fi zmien xahar ai terminu tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Pisani  pprezentat fis-27 ta’ Lulju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellatta billi tiddikjara s-sentenza appellatta bhala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skont din id-dikjarazzjoni.

Alternattivament u minghajr pregudizzju tilqa' dan l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta u tilliberah skont il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkosranzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi.

Illi s-sentenza ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi. Meta l-appellant fit-23 ta’ Lulju, 2015 talab kopja tas-sentenza mghotija fil-konfront tieghu sabiex ihejji l-appell tieghu, huwa nghata biss il-kopja tal-komparixxi li fuqha kien hem mil-kliem *‘Art 22 Kap 446 xahar’, Tordna hlas €80 fi zmien xahar’ u ‘Art 24 Kap. 446’. (Annessa u mmarkata bhala Dok A).*

Illi minn harsa lejn dan id-dokument jidher ben car li dan ma jissodisfax ir-rekwiziti minimi stabilliti mill-ligi dwar x’ghandu jkun fiha s-sentenza. (Vide artikolu 382 tal-Kapitolu 9). Huwa minnu fi procedura sommarja ma hijiex rikjesta r-rigorisita’ proceduirali li hija stabillita fi procedura penali ohra pero’ ‘is-sentenza’ in kwistjoni bir-rispett jigi sottomess li hija estremament ekonomika u sibillina.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravji precedenti t-tieni aggravju huwa car u manifest u

jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-esponent ma nghatax id-dritt li jiddefendi ruhu u jressaq il-provi opportuni sabiex jiddefendi il-kaz tieghu. L-esponent gie mcahhad mid-dritt tas-smiegh xieraq, L-esponent talab lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex jaghmel il-kontroezami tal-Pulizija li taghha gie ezebit l-affidavit seduta stante, izda l-Qorti ma tatx dan id-dritt lill-esponent minhabba li nsistit li huwa kien notifikat bl-affidavits meta kien notifikat bit-tahrika.

Jirrizulta li l-esponent qatt ma kien notifikat b'dawn l-affidavits u ghaldaqstant gew miksura d-drittijiet fundamentali tal-esponent,

L-anqas ma thalla jipproduci bhala xhud lis-social worker li jsegwih, certu Reuben Vella li setgha jitfa dawl importanti fuq il-kaz in ezami.

L-esponent qieghed jirrizerva l-pozizzjoni Kostitutzzjonali tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravyji precedenti, it-tieni aggravvju huwa car u manifest u jikkonsisti fIs-segwenti:

Illi l-esponent qatt ma kien debitament notifikat bl-atti processwali u kwindi s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu hija nulla u bla effett fil-ligi. Jidher mill-komparixxi li f'dan il-kaz giet uzata procedura li qed tithaddem bhala pilot project mill-Ministeru tal-Gustizzja fis-seduti quddiem il-Magistrat Franceso Depasquale u l-Magistrat Antonio Vella. Pero' ghalkemm dan il-pilot project jipprovdi ghal procedura ta' notifika diversa minn dik kontemplata fil-ligi generali, tali procedura qatt ma giet introdorta b'instrument legislattiv u kwindi procedura ta' notifika maghmula skont il-parametri tal-pilot project imsemmi ma hijiex valida.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravji precedenti ir-raba aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fIs-segwenti:

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reat addebitat lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

L-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib htija fl-imputat appellant stante li ma gewx ippruvati la l-elementi ta' l-actus reus u wisq inqas l-elementi tal-mens rea kostiruttivi tar-reat addebitat lill-esponent.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat li ma kienx ivversa l-manteniment ghal uliedu. L-ammont pagabbli minnu bhala manteniment ghall uliedu kien ta’ €300. Ex admissis mix-xhieda ta’ Martu Claire Pisani, l-esponent appellant kien diga hallas is-somma ta’ €420 ghal perjodu in kwistjoni u ghalhekk bhala stat ta’ fatt il-manteniment ghal uliedu, ghax dak kien gie akkuzat kien hallsu.

Fit-tieni lok kif irrizulta mis-smiegh tax-xhieda fiz-zmien indikat fl-akkuza fil-hmistax-il jum ta’ wara l-esponent appellant kien jinsab detenut taht arrest preventiv u kien fl-impossibilta’ li jikkomunika ma’ martu minhabba kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti kompenenti u wisq inqas setgha johrog mil-lok ta’ detenzjoni sabiex ihallas dak li talvolta setgha kien dovut minnu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2016 il-Qorti giet infurmata li l-appellant hallas dak kollu dovut lill-parte civile.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Joseph Pisani u tikkonferma s-sentenza appellata hlief ghal fatt li l-apellant hallas is-somma ta' tmenin euro (€80).